MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 492/2007

**A BC**
**vs**
**L-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti D E BC**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Illi jiena u zewgi D E BC zzewwigna fit-tletin (30) ta' Jannar tas-sena elf, disa' mija u disgha u disghin (1999) gewwa Souk BGiumma, Tripli l-Libja, meta jiena kien ghad kelli biss sbatax-il sena, liema zwieg gie debitament registrat fir-Registru taz-Zwigijiet, u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 502/1999, markat Dok. A.

Illi miz-zwieg tal-partijiet ma twieldu l-ebda ulied.

Illi l-hajja konjugali taghna saret impossibli minhabba sevizzi, eccessi, minacci, ingurji gravi u abbandun ghal snin twal, kommessi minn zewgi u minhabba li z-zwieg taghna tkisser irrimedjabilment kif sejjer jigi pruvat fil-kors tal-kawza.

Illi l-attrici giet awtorizzata illi tipprocedi b’ din il-kawza minghajr il-htiega ta’ medjazzjoni.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi BC minhabba sevizzi, eccessi, minacci, ingurji gravi, abbandun ghal snin twal, kommessi mill-konvenut kontra martu l-attrici, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabilment, u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut.

2. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attrici manteniment adegwat li joghgobha tiffissa din il-Qorti skond il-bzonnijiet ta’ l-istess attrici u l-mezzi tal-konvenut, bil-modalita’ ta’ hin, lok, u gurnata ta’ pagament li tigi wkoll stabbilita, inkluz provvediment ghaz-zjieda perjodika sabiex taghmBtajjeb ghall-awment fl-gholi tal-hajja u ghat-tnaqqis dirett mis-salarju u kwalunkwe introjtu iehor tal-konvenut.

3. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet ta’ l-artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta’ Malta fis-shih jew parzjalment b’ dan illi jekk ikun il-kaz, il-konvenut jitlef kull jedd li ghandu ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila ta’ l-attrici u dan minn data illi tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-konvenut ikun ta lok illi ssir din is-separazzjoni.

4. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f' zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali.

5. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

6. Tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom BF.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha ddikjaraw li huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz, u rrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri kemm-il darba jkunu hekk edotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut assenti ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 40 u 41 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li minnhabba fihom iz-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser rrevokabbilment.

**Separazzjoni Personali**

Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici zzewget lill-konvenut fit-30 ta' Jannar 1999 fil-Libja; liema zwieg gie sussegwentement registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, u dan peress li l-partijiiet kellhom l-intenzjoni li jistabilixxu r-residenza taghhom f' Malta. Fil-fatt wara z-zwieg huma rrisjedew f' Malta.

Jirrizulta li l-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet ma kinitx wahda felici u mill-bidu nett l-attrici kienet vittma tal-komportament abusiv da parti ta' zewgha, konsistenti principalment fi vjolenza fisika, abitwali u ripetuta, kif ukoll umiljazzjoni, u sess sforzat anke meta l-partijiiet kienu

sseparaw de facto. Inoltre, zewgha kien xhih maghha u kien ihalliha nieqsa mill-affarijiet essenzjali bhal ikel. Jirrizulta wkoll li l-konvenut kien jiffrekwenta nisa ohra; u f' Settembru tas-sena 2007 huwa abbanduna lill-attrici kompletament.

Illi mill-kwadru premess tal-fatti li, apparti milli ma gewx kontradetti mill-konvenut huma konfortati mix-xhieda, jikkonfiguraw is-sevizzi u l-ingurja gravi, fit-termini ta' l-artikolu 40 fuq citat, da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu.

Dan premess u kkonfermat il-Qorti hija tal-fehma li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment unikament bi htija tal-konvenut assenti.

**Manteniment**

Illi fin-nota guramentata taghha l-attrici spjegat li llum il-gurnata hi ghandha mpjieg, u ghalhekk rtirat il-pretensjoni taghha ghal manteniment minghand zewgha.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi, ghajr oggetti tad-deheb tal-valur komplessiv ta' Lm30, ma hemmx assi fil-komunjoni; izda hemm loan mal-Bank of Valletta, li originarjament kienet ta' Lm2,000, li l-partijiet kienu hadu waqt iz-zwieg, izda li qed tithallas unikament mill-attrici u li ghad fadal bilanc ta' Lm1,646.

Il-Qorti, filwaqt li qed tassenja l-oggetti tad-deheb kollha lill-attrici, tordna li l-konvenut assenti jhallas lill-attrici s-somma ta' Lm1,000 rapprezentanti nofs l-ammont tal-loan fuq indikata u li l-pagamenti kollha saru u qed isiru mill-attrici. Inoltre tordna wkoll li kull dejn maghmul mill-konvenut assenti ad insaputa ta' l-attrici jigi addossat kollu mill-konvenut b' mod li l-attrici tigi ezonerata mill-hlas tieghu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1]tilqa' l-ewwBtalba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet esklussivament attribwibbli lill-konvenut assenti;
[2]tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, stante li giet irtirata;
[3]tilqa' t-tielet talba fit-termini taghha;
[4]tilqa' r-raba talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti, u tillikwidaha u tassenja l-assi kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata "Komunjoni ta' l-Akkwisti";
[5]tilqa' l-hames talba;
[6]tilqa' s-sitt talba u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha "BF".

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut assenti; izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom provvisorjament jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------